# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 49 – L-ERBGĦA 18 TA' MEJJU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużata : | Helen Bugeja | Kunsillier |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 48

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 48 mingħajr aktar emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 48

2.1 Is-SE infurmat li Triq il-Kavallier Bonello kien sar xogħol fuqha minn kuntrattur privat f'isem il-Korporazzjoni Enemalta u li kienet inxtgħlet għall-ewwel darba bejn it-Tnejn u t-Tlieta ta' qabel.

2.2 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat mal-persuna li tinstalla t-trombi u wara laqgħa fuq il-post dan infurmaha li ma kienx finanzjarjament vijabbli li ssir din l-ispiża. Skont din il-persuna hemm bżonn ta' madwar 25,000 turist fis-sena sabiex ikun sostenibbli.

2.3 Is-SE infurmat li wara li estendiet id-data għal diversi talbiet mingħand is-Sur Patrick Caruana, dan xorta waħda baqa' ma għaddiex il-*quarterly report* ta' bejn Ottubru u Diċembru u lanqas l-*end of year financial statements* 2015. Għaldaqstant ma kellha ebda triq oħra ħlief li tagħmel rapport uffiċjali lill-Ispettur biex jittieħdu passi kontra s-Sur Caruana. Sadanittant infurmat li skont informazzjoni li kellha, is-Sur Caruana kellu laqgħa mal-Pulizija dakinhar stess biex jiddefendi ruħu fuq il-każ, għalkemm hi ma kinitx għadha ġiet infurmata kif se tipproċedi l-kwistjoni.

2.4 Fir-rigward tas-CCTV's, is-SE infurmat li kienet bagħtet korrispondenza u indikat il-postijiet skont id-deċiżjoni tal-Kunsill u rċeviet lura mingħand il-LESA biex dawn ikunu akkumpanjati minn studju (*impact assessment*). Għaldaqstant kienet għaddiet din it-talba lill-Periti tal-Kunsill biex jibdew jaħdmu fuqha.

2.5 Dwar l-applikazzjoni tar-restawr tat-torri, is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa mal-MEUSAC fejn dawn kienu infurmawha li huwa imperattiv li l-Kunsill ikollu garanzija li jista' jħallas 20% tal-ispiża kemm-il darba l-proġett jiġi approvat. Huma kienu infurmaw ukoll li applikazzjoni għal restawr mingħajr *interpretation centre* ma kinitx b'saħħitha biżżejjed u għaldaqstant kien qed jiġi ssuġġerit li tintuża ż-żona tal-kamra tal-periti biex isir *interpretation centre* flokha. Hawnhekk hija preżentat kopja ta' pjanta kif preparata mill-periti fejn infurmat li kien hemm il-possibbiltà li tinżamm l-*area* preżenti, li hija ta' 100sqm inkella dik preżentata mill-perit, għal madwar 200sqm. Kien hemm qbil li ladarba se ssir l-ispiza l-Kunsill għandu jagħżel l-option tat-200sqm li jinkludi *auditorium, reception area, toilets u exhibition hall/refreshments area.*

2.6 Is-SE ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jmur għall-inqas *option* biex iżomm l-ispejjeż minimi. Sadanittant hija infurmat li sakemm ikollha risposta fiż-żgur min-naħa tal-*accountant* dwar il-qagħda tal-Kunsill, ma kinitx f'pożizzjoni li tinforma kemm seta' jkun l-ammont li jista' jonfoq il-Kunsill. Għaldaqstant issuġġeriet ukoll li l-Kunsill ifittex alternattiva oħra biex jgħinu finanzjarjament. Hija infurmat li sal-Ġimgħa 27 ta' Mejju, il-Kunsill irid ikun daħħal l-applikazzjoni intera. Il-Kunsill xorta waħda qabel li għandha ssir applikazzjoni skont kif issuġġerew il-periti u sadanitttant il-Kunsill għandu jara kif se jsib terzi persuni li jkunu jistgħu jsostnu l-20% l-oħra tal-proġett.

2.7 Is-SE infurmat li kienet ħarġet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet ghat-tindif tal-latrini pubblici. Id-data tal-għeluq hija l-1 ta' Ġunju fin-12:30pm u tiswa €10 ghal kull set ta' dokumenti.

2.8 Hawnhekk il-Kunsill qabel li għandu jieqaf mil-laqgħa b'mod temporanju sabiex jitkellem mal-kuntrattur Chris Gatt fir-rigward tal-kuntratt ta' ġbir ta' skart. Il-ħin kien it-7:40pm. Il-Kunsill informa lis-Sur Gatt li fil-ġimgħat li ġejjin kien se jiġi mitlub sabiex ineħħi l-iskips il-ħodor kollha u l-ġabra tal-iskart, kemm fil-borza s-sewda kif ukoll fil-griza, kienet se tibda ssir minn wara l-bibien tar-residenti direttament. Kien hemm qbil li l-ġabra għandha tibda ssir mis-6:00pm 'l quddiem. Sakemm ma jiġix infurmat mod ieħor min-naħa tal-Kunsill, il-ġabra għandha ssir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis, is-Sibt u l-Ħadd għall-borza s-sewda u t-Tlieta u l-Ġimgħa għall-borza l-griza biss. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħalli l-ammont tal-kuntratt kif inhu, inkluz l-ammont tal-iskip extra, sabiex jagħmel tajjeb għal xi spejjez extra li jista' jkollu l-kuntrattur bis-sistema l-ġdida. Sadanittant huwa ġie infurmat ukoll li waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mar-rapprezentant tal-GreenMT, kien ġie miftihem li għandhom jitneħħew il-maġġorparti tal-i*skips* tal-*bring in sites*, ħlief għal 3 (Triq ir-Reġimenti Maltin, Wesgħat il-Frezja u Triq Gregorio Carafa/Ward).

2.9 Il-laqgħa mal-kuntrattur spiċċat fit-8:00pm u għaldaqstant setgħet titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kien kellhom laqgħa ma' uffiċjal u perit minn TM dwar Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello fejn kienet ġiet diskussa l-possibbiltà li tiċċekken il-ħxuna tal-ħajt li hemm prezentament, isir it-tindif neċessarju u possibbilment awtomatikament titwessa l-bankina. Min-naħa l-oħra huwa informa li għalkemm din hija xi ħaġa fattibbli, dawn ma kinux għadhom ikkommettew ruħhom li x-xogħol se jsir min-naħa tagħhom.

3.2 Is-SE infurmat li matul il-ġimgħa li għaddiet, l-amministrazzjoni ġiet soġġetta għal *audit* dwar wieħed mill-offerti tal-bosk. Hija infurmat li bħala amministrazzjoni kienu għaddew il-maġġorparti tal-informazzjoni mitluba.

3.3 Hawnhekk is-Sindku fakkar lis-SE li l-kuntrattur kien għadu ma għamilx ix-xogħlijiet mitluba fl-entratura biex jirranġa d-dizlivell. Hija infurmat li kienet se tfakkar lill-Perit tal-Kunsill fir-rigward.

3.4 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Peter Cordina fejn dan kien irrakkomanda lill-Kunsill li Triq il-Kavallier Bonello tinzamm dejjem fuq direzzjoni waħda. Kien hemm qbil li għalkemm il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni bħala prinċipju, hemm bzonn ta' studji u konsultazzjonijiet qabel ma tittieħed ebda deċizjoni fir-rigward.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 5. LEZZJONIJIET TAL-KOMPJUTER MAT-TCTC

5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet offerta ġdida mingħand TCTC għal korsijiet fl-Imtarfa. Minħabba li l-Kunsill għadu m'għalaqx is-sena finanzjarja preċedenti u għaldaqstant ma jafx eżatt x'inhi l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux iħallas aktar minn €500.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT 2016

6.1 Is-SE infurmat li kienet preparat il-baġit għas-sena 2016 flimkien mal-*accountant* u bil-kollaborazzjoni tas-Sindku. Kopja tiegħu, li kienet tqassmet ukoll permezz tal-*email*, jinsab mehmuż.

6.2 Il-baġit skont kif iċċirkolat, ġie approvat unanimament.

## 7. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TA' KULL KWART (OTTUBRU – DIĊEMBRU 2015)

7.1 Is-SE infurmat li kif kienet infurmat qabel, l-eks *accountant* ma kienx għaddielha d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 8. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS 2015*

8.1 Is-SE infurmat li kif kienet infurmat qabel, l-eks *accountant* ma kienx għaddielha d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 9. PROPOSTA DWAR SKART RIĊIKLABBLI MINN GREENMT

9.1 Il-Kunsill ikkonferma dak li ntqal waqt il-laqgħa li saret mas-Sur Joe Attard minn GreenMT, jiġifieri li għandhom jitneħħew il-*bring in sites* kollha ħlief għal dawk ta' Triq ir-Reġimenti Maltin, Triq Gregorio Carafa/Ward u Wesgħat Ħaznet l-Ilma. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir kampanja edukattiva minn GreenMT ezatt wara li jitneħħew l-iskips. Il-borza l-griza kienet se tkompli tingabar kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa u ma ssirx il-ġabra tal-borza s-sewda fl-istess ġurnata.

## 10. *BYELAW* DWAR L-UŻU TA' FAĊILITAJIET FL-IMTARFA

10.1 Is-SE infurmat li xi drabi jkollha talbiet mingħand persuni biex jużaw xi post jew ieħor fl-Imtarfa biex jagħmlu xi festin ta' tieġ eċċ. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li tiġi fformulata *byelaw* dwar l-użu tal-faċilitajiet inkluż anke s-sala tal-Kunsill, sabiex possibbilment ikun jista' jsir xi introjtu minnhom. Għalkemm il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju, hija ġiet mitluba tassigura li l-attivitajiet kollha għandhom isiru minn tlugħ sa inzul ix-xemx, sabiex ma tinħoloqx inkonvenjenza lir-residenti.

## 11. *REMEMBRANCE PROJECT / MILITARY MTARFA*

11.1 Is-SE infurmat li s-sottokumitat kien għadu jiltaqa' u mexxa sewwa fuq il-programm ta' din is-sena. Fil-fatt kien hemm il-ħsieb li jsiru *re-enactments* f'forma ta' *skirmishes* kif ukoll *air raid* u fejn possibbli, il-Kunsill kien se jżomm mal-istorja fattwali. Fejn dan ma kienx possibbli, se jsiru spjegazzjonijiet, anke bl-Ingliż u possibbilment bit-Taljan biex kull min ikun preżenti jifhem is-sitwazzjonijiet differenti. Hija spjegat ukoll li l-ħsieb huwa li din is-sena l-attività tibda b'*gun salute* ġewwa ċ-ċimiterju tal-Imtarfa fejn ikunu mistiedna l-Kunsilliera u l-mistiedna barranin u wara kulħadd jittella' lejn l-Isptar Militari għall-bidu tal-attività. Kien qed jiġi propost ukoll li bħala parti mill-attività tar-*Remembrance*, issir attività żgħira ta' taħwil ta' siġra kommemorattiva kif ukoll kxif ta' plakka mill-*partners* kollha.

11.2 Is-SE infurmat li s'issa min-naħa tad-DLG kienet għadha ma ngħatatx risposta dwar kemm se jkunu l-fondi vvutati għall-attività u għaldaqstant il-Kunsill kien għadu ma jistax jikkommetti ruħu.

11.3 Is-SE infurmat li bħala sottokumitat kien iltaqa' mar-rappreżentanti kollha tal-entitajiet Mtarfin u kien offra li dawn jingħaqdu f'daqqa biex jieħdu ħsieb l-istands tal-ikel u x-xorb. Min-naħa tagħhom dawn dehru li qed jaqtgħu xi ftit qalbhom u minflok kienu talbu li jġibu kuntrattur barrani. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu din il-parti tal-attività f'idejh u joħroġ talba għal kwotazzjoni bħas-soltu huwa stess.

11.4 Fir-rigward tad-delegazzjoni li sejra l-Latvja u Litwanja, il-Kunsilliera Bugeja kienet infurmat li ma setgħetx tattendi. Kien se jinbidel isimha għal dak tal-Kunsillier Simon Fenech għall-ħlas ta' €86.99. Kien hemm qbil li dan jitħallas mill-Kunsill. Hija infurmat ukoll li s-Sindku kien se jkollu jitlaq lura aktar kmieni u għaldaqstant kien hemm ħlas extra ta' €120. Id-delegazzjoni kienet se tkun iffurmata mis-Sindku, is-SE, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Anton Mifsud u Simon Fenech.

11.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas il-mizata ta' €2500, għall-*membership* fil-programm LEADER. Dan il-ħlas se jkun qed jidher fil-lista tal-pagamenti li ġejja.

11.6 Il-Kunsillier Fenech talab lis-SE sabiex tara l-validità ta' talba għal mera faċċata ta' Triq il-Faqqiegħ minħabba li issa l-vetturi li qabel kieku joħorġu minn Triq G. Carafa se jibdew joħorġu kollha minn Triq il-Faqqiegħ. Is-SE kienet se tivverifika.

11.7 Il-Kunsillier Mifsud informa li grupp tal-*archery* kienu għamlu talba biex inaddfu u juzaw ir-range ta' taħt Triq San Alessi. Is-SE talbitu jgħaddilhom il-kuntatti tagħha.

**12. AĠĠORNAMENT**

12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:00pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |